# IL-BALLUTA - SIĠRET IL-MASĠAR MALTI

*Charles F Grech*

L-ambjent masġâr huwa dak l-ambjent li jiksi l-art b'għata ta' siġar. Il-masġar huwa magħmul minn numru differenti ta' ħlejjaq li flimkien jiffurmaw ekosistema. Fil-masġar din l-ekosiskema hija ddominata mis-siġar. Il-Balluta hija s-siġra li kienet tiddomina l-masġar Malti.

Fil-qedem, hu maħsub li qabel ma l-bniedem rifes fuq dawn il-gżejjer, dawn kienu fil-bicca l-kbira tagħhom miksija minn imsaġar kbar tal-ballut. Tip ta' masġar Malti ieħor kien dak li kien jiddomina l-ġnub tal-widien niedja li fil-qiegħ tagħhom kienu jikbru siġar taż-Żafżafa, in-Nemmiesa, il-Luq u l-Fraxxnu. Dawn huma siġar li jinżgħu mill-weraq fix-xitwa, u għalhekk insejħulhom siġar ħorfija, u kienu jiffurmaw il-masġar ħorfi tal-widien.

Il-masġar żnubri, jiġifieri ddominat mis-siġar taż-Żnuber, minn żmien għal żmien kien jibdel ma' dak balluti, iddominat mis-siġar tal-ballut. Dan kien jiġri l-aktar meta l-masġar balluti kien jisfa meqrud min-nar. Meta rifes il-bniedem fuq dawn il-gżejjer, dan beda jaqta' s-siġar għall-bini tad-djar u għall-ħatab. Huwa beda jaħdem l-art u jirgħa l-bhejjem tiegħu. B'hekk il-masġar beda jonqos u jinqasam. Maż-żmien dan ixxejjen, tant li kważi nqered għalkollox fil-gżejjer Maltin.

Il-ftit li għad baqa' llum mill-masġar tal-ballut jinsab f'periklu kbir li jinqered. Dan minħabba li ftit li xejn hu studjat, apprezzat, u wisq inqas imħares. Il-ftit irqajja' li għadhom jeżistu jinsabu fi mkejjen magħrufa bħala l-Ballut tal-Wardija, il-Ballut ta' l-Imġiebaħ, il-Ballut ta' Wied Ħażrun/Ta' Baldu, kif ukoll fil-Bosk ta' Rapa fil-Buskett. Għandna mkejjen oħra msemmija għall-Ballut, iżda llum f'dawn l-inħawi ma tinstab tikber l-ebda balluta għax kollha sfaw meqruda. Fost dawn insibu l-Ballut ta' Marsaxlokk, qasam li llum hu meqjus bħala riserva naturali (iżda fejn l-għasafar biss huma mħarsa) u l-Ballut ta' Ras il-Ġebel, f'Għajn Tuffieħa, u Wied il-Balluta f'San Ġiljan. Fil-gżejjer ta' Għawdex ma nafu bl-ebda mkien imsemmi għall-Ballut, u dan jista' jitfa' dawl fuq il-

fatt li l-ballut f'Għawdex ilu li nqered ta' l-anqas miż-żmien meta Għawdex safa spopolat ftit qabel l-Assedju l-Kbir.

Il-Balluta hija siġra li tgħix ħafna u għandha njam iebes ħafna. Minnha tittieħed it-tannina, dak it-tip ta' aċtu li jinsab fil-qoxra tas-siġra tal-ballut bi proprjetajiet astrinġenti, li jintuża biex jiġu ppreservati l-ġlud tal-bhejjem. L-injam tal-balluta huwa mill-aqwa ħatab għax il-ġamar tiegħu jagħti fjamma li ddum u li ssaħħan



*Il-weraq u l-frotta tas-siġra taż-Żnuber*

ħafna. Il-friegħi kienu jintużaw ukoll biex jinħadmu l-imqabad (plural ta' maqbad) u l-imraleċ (plural ta' marloċċ) ta' l-għodda, bħal dawk tas-sâġġâr, ġardinar jew bidwi, ngħidu aħna dawk tal-fies u ta' l-imgħażqa. Għalhekk naraw li l-balluta kellha valur kbir għal missirijietna. Iżda, sfortunatament, aqta' llum u aqta' għada, missirijietna ma ħasbux biex iħarsu lil din is-sigra, tant li naqset bil-bosta.

**L-istat tal-masġar balluti f'Malta**

Ħarsa lejn il-masġar tal-ballut li nsibu fil-gżejjer Maltin turina li l-Ballut tal-Wardija u dak ta' l-Imġiebaħ huma mħarsa bħala monumenti nazzjonali. Dawn ġew imħarsa fl-1933 bl-Att ta' l-Antikitajiet. Ir-regolamenti għall-Ħarsien tas-Siġar Storiċi ġew ippublikati fl-1933 (Avviż tal-Gvern. 269 ta' l-1933). Il-masġar ta' Wied Ħażrun u tal-Buskett għadhom ma humiex imħarsa. Dawn jistgħu jiġu skedati u mħarsa bl-Att għall-Ħarsien ta' l-Ambjent jew bl-Att għall-Ippjanar ta' l-Iżvilupp. Il-qagħda tal-ballut tal-Wardija hija waħda ta' masġar importantissimu li jinsab imdawwar bil-biedja li jista' jkollha impatt ħażin fuqu. Dan minħabba metodi xejn tajbin li jintużaw meta tinħadem l-art. Dawn is-siġar forsi huma l-eqdem li għandna f'Malta, u l-akbar waħda għandha zokk ewlieni b'4 metri ċirkumferenza u tista' tgħodd sa 900 sena.

Il-Ballut ta' l-Imġiebaħ sa issa kien l-inqas li bata l-qerda f'dawn l-aħħar snin, iżda dan l-aħħar xi bidwi beda jqaċċat il-ħarrub li hemm maġenbu ħalli jaħdem l-art. Dan jista' jwassal għal tfixkil fis-sistema ekoloġika u, jekk ma jittiħdux passi malajr, wieħed ma jiskantax li s-serrieq mekkaniku jasal biex iħanxar dan il-ballut ukoll.

## Il-qerda f'Wied Ħażrun

Il-qerda ta' Wied Ħażrun hija każ tipiku li juri kif jista' jinqered masġar tal-ballut bil-ħidma tal-bniedem. Wied Ħażrun kien l-iżgħar masġar tal-ballut li kellha, u li għad għandha, Malta. Fil-fatt kien jitqies bħala masġar-makkja, jiġifieri tip ta' makkja li fiha ħafna siġar tal-masġar sħiħ, u li qisha masġar b'siġar baxxi li jistgħu jiżviluppaw f'masġar sħiħ, jiġifieri dak il-masġar li jkun laħaq l-ogħla livell possibbli. Kien masġar minsi fil-limiti ta' Ħad-Dingli u tar-Rabat, masġar li ġieli ntuża bħala masġar ċedwu (jiġifieri tip ta' masġar fejn kull tant żmien is-siġar jiġu mqaċċta ħalli l-friegħi jintużaw bħala zkuk) b'newba (dak iż-żmien meta masġar ċedwu jiġi maħsud) irregolari. Iżda kull darba kien jerġa' jikber u jieħu r-ruħ. Matul l-1991 dan il-masġar-makkja ġie sistematikament maħruq. Wara kull balluta ġiet maħruqa. Meta dawn l-imsejkna siġar reġgħu tellgħu mill-ġdid, kif tagħmel il-balluta, li hija siġra magħrufa kemm tiflaħ, il-friegħi torja ġew imbexxa bl-erbiċida tant li ntilfu ħafna minnhom. Dan kollu huwa kaġunat mill-injoranza kbira li hawn fost il-bdiewa Maltin li għalihom siġra tal-masġar jaħsbu li ma toffri xejn. Dan mhu veru xejn tant li llum imsaġar żgħar jiġu mħawla apposta qrib l-għelieqi ħalli fihom jgħixu għasafar u insetti li t-tnejn jgħixu fuq dawk l-insetti l-oħra li jwettqu ħsara fl-uċuħ tar-raba. B'hekk ma jkunx hemm bżonn ta' kimiċi qerrieda biex jikkontrollaw l-insetti li jagħmlu l-ħsara.

## Ħtieġa ta' masġâra

Sfortunatament hawn nuqqas ta' nies li jifhmu fil-masġarija u s-siġar. Dan forsi għaliex is-siġar, kontra l-għasafar u l-annimali, la jgħajtu u inqas u inqas jaħarbu. Wieħed jista' jifhem il-bżonn kbir li hawn li nħarsu l-imsaġar tagħna. Wara kollox is-siġar huma fost il-kategorija ta' ħolqien kbir li għadu mhu mħares taħt l-ebda liġi.

Jekk l-ambjent huwa importanti li jitħares minħabba l-ġid kbir li joffri lill-bniedem kif ukoll minħabba li kull ħolqien jistħoqqlu jaqsam din id-dinja magħna, aktar huwa importanti li jitħares l-ambjent masġâri li taf tagħti l-balluta. Din is-siġra toħloq ambjent speċjali li jissejjaħ mikroklima tal-masġar. Dan jagħmilha possibbli għal ħafna ħlejjaq rari li jgħixu f'pajjiżna. Fost dawn l-




*Il-Baħrija tal-Ballut*

annimali nsibu l-friefet il-lejl li jidħlu f'siġar xjuh li jkunu mnawra minn ġewwa, ħalli jqattgħu l-jum jistrieħu hemm. Hemm ukoll tip ta' baħrija li tikber biss mal-ballut. Ma rridux ninsew li taħt id-dell qawwi tal-masġar balluti jgħixu xtieli u insetti li bilfors jeħtieġu d-dell. Tnejn li jħobbu dan id-dell huma l-ħannewija u r-rusku jew belladonna. Hemm ukoll il-ħażiż, il-likeni, il-mofof u l-faqqiegħ li taħt id-dell fejn ikun hemm l-umdità jinfexxu fi sbuħija liema bħalha.

Kif nafu, is-siġar huma l-ħolqa ewlenija fil-masġar; jekk tneħħi lilhom tkun neħħejt il-masġar. Il-ballut joffri l-kenn ukoll lil ħafna għasafar. Peress li l-frotta tiegħu, magħrufa bħala l-ġandra, hija tqila u ma tinġarrx faċilment, hemm ta' l-inqas żewġ speċi ta' għasafar li jpattu l-favur tad-dell u l-kenn li tagħtihom il-balluta billi jġorru u jidfnu l-ġandar 'il bogħod mis-siġra omm. Dawn huma Sultan iċ-Ċawl u t-Tudun. Sultan iċ-Ċawl huwa għasfur sedentarju li qatt ma jpassi. F'Malta




*Il-Ħannewija*



1



2



3



4



5



6



7



8



9

dan probabbilment inqered meta ċkienu u nqerdu l-imsaġar tagħna. L-aħħar weħed li deher kien għall-ħabta ta' l-ewwel snin ta' dan is-seklu. It-Tudun ipassi kull sena eżatt meta l-balluta żżerra', iżda t-tudun, barra milli huwa skars, qiegħed fil-lista ta' l-għasafar li jistgħu jinqatlu f'pajjiżna. Għalhekk lanqas jilħaq jersaq lejn Malta li ma jinqeridx hu wkoll. Xi darba jeħtieġ li, meta nsaġġru lil pajjiżna mill-ġdid, nistudjaw il-possibiltà li nerġgħu ndaħħlu 'l Sultan iċ-Ċawl, li hu għasfur kbir u sabiħ. Sfortunatament, minħabba li għad hawn ħafna nies irresponsabbli li jeqirdu kulma jtir, għadu mhux il-waqt. B'hekk il-kaċċa mhux biss teqred l-għasafar iżda għandha impatt negattiv ferm fuq is-siġar tal-masġar balluti.

*1. Ġandra tal-Balluta qed tnibbet.*
*2. Il-weraq tal-partijiet ġodda tal-Balluta.*
*3. Il-weraq fuq il-partijiet qodma tal-Balluta.*
*4. Il-fjur mingħajr petali qed jifforma.*
*5. Il-fjur mingħajr petali rġiel.*
*6. Ġandar fuq is-siġra tal-Balluta.*
*7. Ġandra qabel ma taqa'.*
*8. Iz-zokk tal-Balluta.*
*9. L-ixjeħ Balluta fil-gejjer Maltin. Stmata li għandha mad-900 sena.*

*(Ritratti: A E Baldacchino)*

## Sehem il-bniedem fit-tkattir tal-ballut

Il-bniedem jista' faċilment ikattar l-imsaġar tal-ballut f'Malta. Din is-siġra, minn osservazzjonijiet li rajna fir-riserva naturali ta' Wied Għollieqa, tikber sew, speċjalment jekk ikollna l-paċenzja nsaqquha fl-ewwel sentejn wara t-taħwil. Fil-fatt f'Wied Għollieqa hemm pjan li maż-żmien jinħoloq masġar ieħor tal-ballut. Wieħed jispera li f'dawk l-imkejjen li huma msemmija għall-balluta, terġa' tiddaħħal din is-siġra tant importanti fl-ambjent tagħna.

Biex wieħed ikabbar balluta jeħtieġ li għall-ħabta ta' Diċembru jfittex siġra matura tal-ballut u jiġbor il-ġandar li tipproduċi. Dan għandu jiġi mħawwel mill-ewwel fil-qsari u miżmum fid-dell. Importanti ngħidu li jekk il-ġandar jinxef, imut. Fil-mixtla din is-siġra tikber tajjeb fil-qasrija u wara sentejn wieħed jista' jħawwel is-siġra fl-art.

Metodu ieħor li jixbah lil dak li tagħmel in-natura huwa li tiżra' l-ġandar direttament fil-ħamrija fl-art ħdejn fejn jaslu djul xi siġra jew sġajra li tinsab fil-makkja. Dan il-metodu jħalli l-għerq tas-siġra tal-ballut jikber b'mod naturali u wieħed ma jkollux għalfejn isaqqieha fis-sajf. Naturalment ħafna miż-żerriegħa jmutu jew għax jikluhom il-ġrieden jew għax jinxfu, kif ukoll għax fil-



*Tudun*

masġar dawk li huma b'saħħithom biss jirnexxilhom jikbru u jsiru maturi ħalli jkomplu jkattru l-ispeċi tal-ballut.

Tajjeb ngħidu li l-balluta hija siġra li meta tkun għarsa, jiġifieri tkun għadha kif tħawlet, tkun trid id-dell. L-għarsiet tal-ballut kapaċi jdumu s-snin taħt id-dell parzjali li tagħti s-siġra omm. Il-ballut kapaċi wkoll jinvadi l-masġar żnubri u, meta xi siġar taż-żnuber imutu, posthom jittieħed mill-ballut. Dan huwa proċess naturali li wieħed jixtieqi jiġri fl-imsaġar tagħna. Fil-fatt wieħed jista' josservah f'partijiet tal-Buskett. Sfortunatament, l-irfis tan-nies li jżuru l-Buskett qiegħed iwaqqfu. Fattur ieħor li jaħdem kontra dan huwa meta l-Buskett jitnaddaf, għax jitneħħa s-saff taħtani tal-masġar. Dan huwa saff bżonjuż ħafna fil-masġar u jinkludi dak kollu li jinsab taħt djul is-siġar dominanti. Għalkemm veru li f'xi mkejjen dan hu neċessarju minħabba l-periklu tan-nar, it-tindif esaġerat li jsir u t-taħwil ta' siġar mhux Maltin qegħdin joħolqu masġar artifiċjali li jitbiegħed dejjem aktar minn dak naturali.

Meta wieħed iħawwel balluta u jieħu ħsiebha, ikun qiegħed jagħti wieħed mill-aħjar kontributi li jista' jagħti lill-ambjent naturali Malti. In-nuqqas kbir ta' siġar, u għalhekk in-nuqqas ta' msaġar naturali, qiegħed ikun kaġun ta' faqar fl-ambjent Malti. Jeħtieġ li naħdmu ħalli dan in-nuqqas li għaddewlna ta' qabilna nagħmlu tajjeb għalih billi, meta nsaġġru, insaġġru billi nużaw aktar siġar tal-ballut. ❑